**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 287/2017PM1**

**Western Co. Ltd (C19994)**

**Vs**

**Carmel Agius (ID Nru. 570755(M)) u martu Emanuela Agius (ID Nru. 63455(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Gunju, elfejn u sbatax (2017) illi t-Tribunal gie mitlub li jikkundanna lill-konvenuti ihallas lill-attur is-somma ta' €3596 rapprezentanti din is-somma prezz ta' bejgh ta' vettura tat-tip VW Passat bin-numru CBX246 skont kuntratt ta' bejgh datat 6 t'Awwissu, 2008 bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali taht l-art. 166A tal-Kap. 12 datata 13 t'April, 2015 u l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimati konjugi Agius permezz ta' liema eccepew li, preliminarjament l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux dovut fl-intier tieghu u dan stante li l-uniku bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa dak ta' erba' mitt euro (€400) liema ammont l-esponenti diga` ddikjaraw li lesti li jhallsu *in full and final settlement* permezz ta' risposta li huma intavolaw ghal ittra ufficjali li saret kontra taghhom (kopja annessa u mmarkata Dok. CA1) u li minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici hija konxja mill-fatt li skont il-ftehim ta' bejniethom il-prezz tal-vettura kien dak ta' €10,800 u li ghall-istess ammont kellhom jigu ffirmati 60 kambjala (ara Dok. CA2) izda bi svista l-esponenti iffirma aktar kambjali milli fil-verita` kellu jiffirma biex b'hekk qed jintalab ammont li hu eccessiv minn dak mifithem bejn il-partijiet. Dan ifisser allura li kwalunkwe ammont in eccess ghal €400 m'huwiex dovut stante li b'kollox thallset is-somma ta' €10,4000; illi ghalhekk l-esponenti m'ghandhomx ihallsu ghall-ispejjez ta' din il-kawza; illi ghar-ragunijiet premessi, dan l-Onorabbli Tribunal gie mitlub li jichad it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` rikorrenti, salv ecezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti annessi mar-risposta senjatament l-ittra ufficjali datata 13 t'April, 2015 u r-risposta relattiva (Dok CA1) u kif ukoll id-dokument mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. CA2).

Sema' x-xhieda ta' Charles Bianco waqt is-seduti tat-18 ta' Settembru, 2017 u tas-26 ta' Settembru, 2017.

Sema' x-xhieda tal-intimat Carmel Agius waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru, 2017.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-intimati permezz tan-nota taghhom a fol. 25 tal-process konsistenti minn ghadd ta' ricevuti mahrugin mis-socjeta` attrici.

Sema' x-xhieda tal-intimat Carmel Agius in kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet u ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta` attrici tinsab qed titlob hlas ta’ bilanc allegatament dovut mill-intimat ammontanti ghas-“*somma ta’ €3596 rapprezentanti din is-somma prezz ta’ bejgh ta’* ***vettura tat-tip VW Passat bin-numru CBX246 skont kuntratt ta’ bejgh datat 6 t’Awwissu, 2008***” (enfazi mizjuda).

Illi l-intimati qed jikkontestaw it-talba ghal tali hlas billi jikkontendu li l-ammont pretiz mhuwiex dovut u dana ghaliex il-bilanc dovut huwa ferm inqas minn dak reklamat mis-socjeta` attrici permezz tal-kawza odjerna. In succint l-intimati jargumentaw illi huma ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici biss is-somma ta’ erba’ mitt euro (€400) liema somma diga` giet offruta lis-socjeta` attrici ghas-saldu u dan stante li l-bilanc rimanenti tal-prezz diga’ thallas.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament, ghalkemm jinsab deciz li l-oneru tal-prova fir-rigward ta’ tali eccezzjoni jaqa’ ghal kollox fuq min iressaqha (ara f’dan is-sens **Franz Mifsud v. Francis Montanaro** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Dicembru, 1998), jinsab daqstant iehor deciz li, fl-ewwel lok, jispetta lill-allegat kreditur iressaq prova tal-ezistenza tad-debitu tieghu. Fir-rigward tal-prova mehtiega jinghad li:

> “***Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-oneru tal-prova tal-ezistenza tad-debitu jispetta qabel xejn lil min qieghed jittanta l-kawza. Dan huwa minnu, billi min jagixxi ghal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu jezisti.*** *Izda huwa daqstant impellenti ghad-debitur li, la darba dan l-ostakolu jigi sorvolat, jressaq il-prova tal-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-pagament jew xort ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.*” (**Carmelo**

**Zammit et. v. Emanuele Galea** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003) (enfazi mizjuda).

Illi ghaldaqstant in vista tal-principju surreferit it-Tribunal bilfors irid jitlaq minn investigazzjoni tat-talba imressqa quddiemu sabiex jiddetermina jekk, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, is-socjeta` attrici irnexxielhiex tipprova l-ezistenza tal-kreditu minnha pretiz. F'kaz affermattiv biss it-Tribunal ikun tenut illi mbaghad jinvestiga jekk l-eccezzjoni tal-pagament imressqa mill-intimati tinsabx pruvata permezz ta' provi attinenti ghall-estinzjoni tad-debitu.

Illi fil-kaz in ezami it-Tribunal ma jistax ma jaghmilx referenza ghall-fatt illi it-talba odjerna tinsab redatta b'tali mod li tirreferi espressament ghal vettura tat-tip VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni CBX246 allegatament akkwistata mill-intimat permezz tal-kuntratt datat 6 t'Awwissu, 2008. Madanakollu l-attur ma ressaq ebda prova fir-rigward ta' din il-vettura partikulari tant illi jidher li l-mertu diskuss bejn il-partijiet kien jirrigwardja, mhux il-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni CBX246, imma vettura Toyota Yaris bin-numru GBH431. Jidher car li l-kuntratt t'akkwist datat 6 t'Awwissu, 2008 jirrieferi proprju ghal din il-vettura u mhux ghall-vettura indikata fl-avviz tat-talba. L-istess Charles Bianco fix-xhieda tieghu jirreferi ghall-vettura Toyota Yaris u vettura ohra tal-marka Renault Clio u ma jaghmel ebda referenza ghall-vettura indikata fl-avviz (seduta tat-18 ta' Settembru, 2017). Hekk ukoll l-intimat waqt ix-xhieda tieghu jghid li huwa kien akkwista Opel Corsa u Toyota Yaris minghand is-socjeta` attrici "*u kont wasalt ukoll sabiex ninnegozja l-akkwist tat-tielet vettura*" imma fl-ebda mument ma jirreferi ghall-vettura indikata fl-avviz (seduta tas-26 ta' Settembru, 2017).

Illi kieku din il-konfuzjoni fil-provi ma kenitx bizzejjed, anke l-ircevuti ezebiti mill-intimat jirreferu ghall-vettura Toyota Yaris f'waqtiet indikata bin-numru ta' registrazzjoni GBH431, f'waqtiet bin-numru ta' registrazzjoni ABH463 u f'waqtiet bin-numru ta' registrazzjoni JBH431.

Illi t-Tribunal jinnota illi dan certament m'huwiex semplicement xi zball tipografiku li f'dan l-istadju jista' jigi sorvolat ghaliex ikun jirrizulta car x'inhi l-intenzjoni tal-partijiet. Lanqas jista' t-Tribunal altrimenti jinjora s-surreferit ghaliex, kif inghad, huwa qabelxejn fundamentali li l-kreditur jipprova l-kreditu pretiz minnu. F'dan il-kaz, l-avviz tat-talba u l-provi prodotti huma kunfliggenti bizzejjed li lanqas biss ihallu lit-Tribunal jidentifika sewwasew id-dejn pretiz mis-socjeta` attrici u ghal-liema vettura dan jirreferi. It-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' fl-assenza ta' provi li jsostnuha filwaqt illi l-provi wehidhom m'humiex sufficjenti sabiex jikkoregu t-talba. Huwa, min-naha l-ohra car, li t-talba odjerna tirreferi ghal vettura wahda meta l-kuntratt imressaq bhala prova a sostenn tal-istess jirreferi ghal vettura ghal kollox differenti. Perdipiu` jirrizulta li t-talba nnifisha tirrizulta kontradetta ampjament mix-xhieda moghtija mhux biss mill-intimat imma mill-attur stess.

Illi in vista tas-surreferit u tenut kont tal-fatt illi anke f'dawn il-proceduri t-Tribunal huwa gustament marbut bit-talba kif dedotta quddiemu, it-Tribunal ma jistax ma jikkonkludix illi l-attur ma rnexxielhux jaghmel il-prova mehtiega minnu sabiex, almenu fuq bilanc ta' probabilita`, jipprova l-ezistenza tal-kreditu pretiz minnu permezz tat-talba u cioe` bilanc ta' prezz referibli ghall-vettura VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni CBX246 skont kuntratt ta' bejgh datat 6 t'Awwissu, 2008.

Illi tenut tas-surreferit, it-Tribunal ma jehtiglux illi jindaga ulterjorment jekk jirrizultax il-pagament allegat mill-intimat u dana ghaliex, kif inghad, fl-ewwel lok, is-socjeta` attrici kien jehtigilha tipprova l-ezistenza tal-kreditu taghha, liema prova ma saritx sodisfacentement.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib li s-socjeta` attrici ma rnexxielhiex tipprova l-kreditu pretiz minnha qieghed, ghar-ragunijiet surreferiti, jichad it-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza odjerna jigu sopportati wkoll mill-istess socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**